**15 ta' Novembru, 1994**

**Imhallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.,D., A.R.Hist.S.**

Vincent Borg

*versus*

Victor Camilleri, editur u Paul Spiteri, stampatur tal-ġurnal in-Nazzjoni Tagħna

**Malafama – Il-Liġi ta' l-Istampa u l-artikiolu 41 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja**

*Ir-restrizzjonijiet li tagħmel il-liġi ta' l-Istmpa (Kap. 248) għandhom jiġu interpretati fid-dawl ta' l-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll fl-isfond ta' l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Dana l-iżvilupp fis-sistema legali tagħna huwa żvilupp sinifikanti ħafna għal pajjiżna billi ma jistax ma jkollux l-effett li jwessa' sensibilment il-konfini tal-leġittimità tad-dritt ta' l-espressjoni.*

Il-Qorti: –

Fit-30 ta' Novembru, 1992, l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ppronunzjat din is-sentenza:

"Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fit-22 ta' Novembru, 1990, li permezz tagħha l-attur wara li ppremetta li l-konvenuti permezz

tal-kitba intitolata "Appell tal-UĦM lill-ħaddiema mhux akkademiċi ta' l-Università" stampata fil-ħarġa ta' In-Nazzjon Tagħna tal-Erbgħa 14 ta' Novembru, 1990 (li tagħha l-konvenut Victor Camilleri kien l-editur u l-konvenut Paul Spiteri kien l-Istampatur, taw malafama lill-istanti billi attribwewlu fatti deteminanti bl-iskop li joffendu l-unur u l-fama tiegħu u jesponuh għar-redikolu u disprezz tal-publiku; illi l-istanti, bħala parti offiża, għandu dritt għad-danni kkontemplati fl-Att ta' l-1971 dwar l-Istampa talab li din il-Qorti:-;

1. tiddikjara li l-konvenuti taw malafama lill-istanti, bil-kitba msemmija, billi attribwewlu fatti determinati bi skop li joffendu l-unur u l-fama tiegħu u jesponuh għar-ridikolu u d-desprezz tal-pubbliku,;

2. tillikwida s-somma (li ma teċċedix l-elfejn lira Maltija – LM2000) dovuti bħala danni lill-istanti għall-malafama msemmija u dana skond l-Att ta' l-1974 dwar l-Istampa,;

3. tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-istanti l-ammont hekk illikwidat u ddikjarat bħala dovut *in linea* ta' danni;

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skond il-liġi kontra l-konvenuti li huma nġunti għas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta' l-attur;

Rat in-nota ta' eċċezjonijiet tal-konvenuti ppresentata fid-29 ta' Jannar, 1991, li biha eċċepew:-

1. Illi l-kitba in kwistjoni mhix libelluża billi l-attur la hu indentifikabbli u anqas ma jissemma b'xi mod fil-kitba u

għalhekk, it-talbiet attriċi għandhom jiġu respinti;

2. Illi l-konvenut Spiteri ma qarax l-artiklu qabel il-pubblikazzjoni;

Rat dikjarazzjoni u l-ista tax-xiedha tal-konvenuti;

Rat id-digriet tagħha tal-1 ta' Frar, 1991, li permez tiegħu nħatar l-assistent ġudizzjarju Dr. Saviour Demicoli bħala perit legali;

Rat ir-rapport ta' l-Assistent Gudizzjarju ppreżentat fid-29 ta' Ottubru, 1992;

Rat il-provi mressqa mill-kontendenti u l-atti l-oħra kollha tal-kawża;

Illi fil-ħarġa ta' l-14 ta' Novembru, 1990 tal-gazzetta "In-Nazzjon Tagħnha" fl-artikolu intitolat "Appell tal-UHM lill-ħaddiema mhux akkademiċi ta' l-Università "hemm riportat li dak in-nhar stess kellha ssir l-elezzjoni ta' żewġ ħaddiema biex jirrappreżentaw lill-ħaddiema mhux akkademiċi fil-Kunsill ta' l- Università. L-attur qiegħed joġġezzjona għall-kontenut ta' dan l-artikolu inkwantu huwa identifikat bhala "persuna mhux ġenwina" bħala persuna li "tpaċpaċ ħafna u tagħmel ħafna wegħdiet li żgur ma tkunx tista' tattwahom" u li "b'hekk jidħak bil-ħaddiema u jsir aktar deni milli ġid";

L-attur oġġezzjona għall-fatt li fl-istess artikolu ġie rraportat li "Fl-appell ċirkolari, il-ħaddiema kienu mħeġġa jivvutaw għal Paul Aġius u Andrew Galea li fil-passat dejjem taw prova tal-ħidma b'risq il-ħaddiema kollha ta' l-Università fl-aħjar interess

tal-ħaddiema''. U li dan il-kliem juri lill- attur bħala persuna mhux kapaċi li jħares l-interessi tal-ħaddiema;

Illi l-ewwel kwistjoni li trid tiġi deċiża hija jekk efettivament l-attur huwiex identifikabbli b'mod li l-qarrej jifhem lejn min l-allegazzjonijiet magħmula fl-artikolu huma ndirizzati;

Il-fatt li persuna ma tissemmiex b'isimha f'artikolu ma jfissirx li dik il-persuna ma tistax taġixxi taħt il-liġi ta' l-Istampa. Kemm-il darba mill-kontenut ta' l-artikolu joħroġ ċar min kienet dik il-persuna, l-editur u l-istampatur tal-ġurnal huma azzjonabbli u responsabli għad-danni kemm-il darba jirriżulta li ngħatat malafama;

Għalkemm il-pubbliku in ġenerali seta' ma kienx jaf, mill-kontenut ta' l-artikolu min kienu l-persuni jew il-persuna l-oħra li ħarġet għall-elezjoni għall-Kunsill ta' l-Università, fejn kienu ser isiru l-elezzjonijiet, il-persuni li qraw l-artikolu, ċertament kienu a konoxxenza tal-persuni li kienu ser jikkontestaw l-elezzjoni. U konsegwentement irrikonoxxew lill-attur bħala t-terza persuna li ma ssemmietx u li dak li kien hemm fl-artikolu kien jirreferi għalih. Dan jidher ovvju mill-fatt li l-persuni li kienu ser jikkontestaw ċertament kienu ben noti lill-ħaddiema mhux akkademiċi tal-Università. *Inoltre* isem dawn il-persuni kien espost għall-pubbliku fi statement maħruġa mill-Academic Services Unit tal-Università tat-12 ta' Novembru, 1990, taħt il-firma tar-Rettur ta' l-Università u liema dikjarazzjoni kienet imwaħħla fin-*Notice Board*;

Issa żgur li l-artikolu ma kienx intenzjonat għall-pubbliku in ġenerali. Iżda kien indirizzat lejn dik is-sezzjoni tal-pubbliku konsistenti mill-ħaddiema mhux akkademiċi ta' l-Università li

dakinhar kienu ser jivvutaw għar-rappreżentanti tagħhom fuq il-Kunsill. Mix-xhieda ta' l-attur jidher li l-artikolu nnqara minn uħud minn dawn *il-ħaddiema* u *li dawn mill-ewwel irrealizzaw* li kien l-attur il-persuna involuta. Da hu biżżejjed għall-fini ta' din il-kawża billi juri li l-attur għalkemm mhux imsemmi b'ismu *direttament, ċertament kien faċilment identifikabbli mill-*persuni li kienu rilevanti fiċ-ċirkostanzi;

Dan stabbilit *irid jiġi deċiż* jekk effettivament dak li ntqal fl-artikolu kienx ta' natura malafamanti tali li jesponi lill-attur għar-ridikolu u disprezz tal-pubbliku;

Il-konventi f'dan ir-rigward issotomettew li l-Qorti trid tħares il-libertà ta' l-espresjoni taċ-cittadin kif sanċita fl-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni. Huma kienu qegħdin jirrapportaw biss il-ħsieb ta' l-*Union Ħaddiema Magħqudin fil-konfront tal-persuni* li kienu qegħdin jikkontestaw l-elezzjoni għall-Kunsill ta' l-Università. Il-Qorti tapprezza li persuna għandha jkollha d-dritt *fondamentali* u l-libertà li tesprimi dak li tħoss, b'dana kollu dan id-dritt għandu jkun suġġett għar-rispett tad-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn u ta' l-interess pubbliku. Ma tistax persuna tgħid dak li trid fil-konfront ta' persuna oħra anke b'mod libelluż imbagħad tistaħba wara l-Kostituzzjoni billi topponi għal-libertà ta' l-espressjoni. Kien proprju għalhekk li l-liġi ta' l-Istampa ipprovdiet billi tat rimedju f'forma ta' danni lill-persuna *mamalfamata*;

Ġie sottomess mill-konvenuti li dak li jingħad fl-artikolu jammont għal "*value judgment*" u li dan f'kull każ mhux sindikabbli mill-Qrati. Il-Qorti għalhekk trid tara jekk il-kummenti kkontenuti fl-artikolu jistgħux jaqgħu taħt din id-deskrizzjoni jew inkella jekk kinux intiżi b'skopijiet ulterjuri;

Irriżulta li fost il-persuni li kienu ser jikkontestaw l-elezzjoni, tlieta b'kollox, tnejn minnhom u cjoè Paul Agius u Andrew Galea kienu membri ta' l-UĦM fil-waqt li l-attur ħareġ bħala *indipendenti* u *ma kien ibbekkjat minn ħadd. Jidher għalhekk* li l-istess UĦM kienet preġudikata fil-konfront tal-membri tagħha u kienet ser tagħmel dak kollu lilha permess sabiex tassikura li għall-Kunsill ta' l-Università jiġu eletti dawk il-ħaddiema li kienu jħaddnu l-fehmiet tagħha;

Issa l-artikolu in kwistjoni juri lill-membri ta' l-UĦM bħala *persuni li "fil-passat dejjem taw prova tal-ħidma b'risq il-*ħaddiema kollha ta' l-Università fl-aħjar interess tal-ħaddiema". L-istess artikolu jelenka l-kwalifiki ta' persuni jew persuna li għandha tagħmel parti mill-Kunsill ta' l-Università. Din trid tkun ġenwina, li ma tpaċpaċx ħafna u li twettaq dak li tkun wegħdet. Mill-kumpless ta' l-artikolu kollu jidher ċar li l-attur hu indikat bħala bniedem li ma kienx ġenwin, li jpaċpaċ biss u *qatt ma jwettaq il-wegħdiet tiegħu u li jidħak* bil-ħaddiema u b'hekk isir aktar deni milli ġid. Din il-konklużjoni l-Qorti waslet għaliha *'by a system of elemination'* billi fil-waqt li ż-żewġ persuni l-oħra li kienu qed jikkontestaw huma deskritti b'mod favorevoli u għaldaqstant bħala li kellhom il-kwaflifiki meħtieġa kif fuq ingħad, fil-konfront ta' l-attur ma jingħad xejn u għalhekk l-unika konklużjoni li wieħed seta' ġibed dakinhar ta' l-elezzjoni *kienet li hu ma kienx ġenwin, ipaċpaċ* u *ma jwettaqx* dak li jwiegħed;

Il-Qorti tħoss li b'dan il-mod isem l-attur ġie mżeblaħ propju dakinhar stess ta' l-elezzjoni b'mod li lanqas biss ma kellu, l-attur, l-opportunità li jirrejaġixxi b'mod effikaċi għall- akkużi li kienu qed jitressqu kontrih;

Id-danni li għandha tillikwida l-Qorti għall-ħsara sofferta mill-atturi mhux suġġetti għal xi regoli bħal fil-każ ta' danni reali kkontemplati fil-Kodiċi Ċivili. Il-liġi ta' l-Istampa tħalli l-likwidazzjoni tal-kumpens fid-diskrezzjoni kompleta tal-ġudikant b'limitu ta' LM2000;

Fil- każ in eżami huma mħarrka sew l-editur kif ukoll l-istampatur tal-ġurnal In-Nazzjon Tagħna. Dwar l-identità tagħhom u l-kariga li kienu qed jokkupaw hemm qbil bejn il-partijiet u infatti fis-seduta tat-3 ta' April, 1991, quddiem l-Assistent Ġudizzjarju id-difensur tal-konvenuti ddikjara espressament li l-konvenuti kienu effettivament l-editur u l-istampatur ta' l-istess ġurnal fid-data in kwistjon;

Hemm qbil ukoll bejn il-partijiet dwar l-eċċezzjoni tal-konvenut Spiteri li fil-kapaċità tiegħu ta' stampatur ma kienx qara l-artikolu in kwistjoni qabel il-pubblikazzjoni. Dan jagħti lok għal riduzzjoni fid-danni llikwidati fil-konfront tiegħu għalkemm ma jeżonerahax mir-responsabilta' fil-konfront ta' l-attur a termini tal-Liġi ta' l-Istampa;

Issa l-konvenuti issottomettew li fil-fissazzjoni tal-*quantum* tad-danni l-Qorti għandha tieħu in konsiderazzjoni il-fatt li l-attur ingħata l-possibilità ta' rettifika. Dan, fl-opinjoni tal-Qorti, ma għandux fuq u ma għandu jnaqqas xejn mid-danni dovuti billi meta ġiet ippublikata r-rettifika kien avvera ruħu u l-iskop għal liema l-artikolu kien nkiteb kien ġà ntlaħaq;

L-assistent ġudizzajarju wasal għall-konklużjoni li d-danni li għandhom jiġu akkordati lill-attur għandhom jkunu fl-ammont ta' ħames mitt lira (LM500) u li dawn għandhom jiġu spartiti bejn l-editur il-konvenut Victor Camilleri billi dan jiġi

kkundannat ijħallas LM350 fil-waqt li l-konvenut Spiteri, bħala stampatur għandu jiġi kundannat jħallas il-bilanċ;

Il-Qorti taqbel ma' din il-likwidazzjoni u 'l-mod kif l-ammont ġie spartit;

Għar-raġunijiet fuq mogħtija l-Qorti fil-waqt li tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti u tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenut Paul Spiteri stante qbil bejn il-kontendenti, tipprovdi fuq l-istanza billi:-;

1. tiddikjara li l-konvenuti taw malafama lill-atturi bil-kitba msemmija;

2. tillikwida d-danni fis-somma ta' ħames mitt lira maltija (LM500), u;

3. tikkundanna lill-konvenut Victor Camilleri, li fil-kapaċita tiegħu ta'editur u lil Paul Spiteri fil-kapaċità tiegħu ta' stampatur tal-ġurnal In-Nazzjon Tagħna, jħallsu lill-attur, bl-imgħax legali mil-lum, rispettivament l-ammonti ta'tliet mija u ħamsin lira maltija (LM350) u mija u ħamsin lira maltija (LM150);

Bl-ispejjes kollha kontra l-konvenuti;

Il-konvenuti appellaw minn din is-sentenza. Huma talbu r-revokaħ tagħha u li l-Qorti tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u li tiċħad it-talbiet attriċi, u dan għar-raġunijiet li semmew fil-petizzjoni tagħhom. L-attur wieġeb li s-sentenza appellat kienet ġusta u talab li tiġi kkonfermata għar-raġunijiet ikkontenuti fir-risposta;

1. Fl-14 ta' Novembru, 1990, saret elezzjoni fl-Università *li biha kellhom jiġu eletti żewġ ħaddiema sabiex jirrappreżentaw* il-ħaddiema mhux akkademiċi fil-Kunsill ta' l-Università. Din l-elezzjoni ġiet ikkontesta minn tliet persuni biss ċjoè l-attur appellat, Paul Agius u Andrew Galea;

2. Fl-istess ġurnata, il-ġurnal "In-Nazzjon Tagħna" ippubblika appell maħruġ mill-Union Haddiema Magħqudin (U.H.M), li kien intiż biex jagħti appoġġ lil Paul Aġius u Andrew Galea. L-attur oġġezzjona għall-aħħar żewġ paraggrafi ta' din il-kitba billi sostna li kienet malafamanti fil-konfront tiegħu. Il-paragrafi mpunjati huma dawn:-

"Il-U.H.M. wissiet li hu importanti li ż-żewġ rappreżentanti eletti tal-ħaddiema jkunu ħaddiema ġenwini u *mhux xi ħadd li jpaċpaċ ħafna u jagħmel ħafna wegħdiet li jfan* lu żgur ma jkunux jistgħu jiġu attwati, u b'hekk jidħak bil-ħaddiema u jsir aktar deni milli ġid;

Fl-appell ċirkolari, il-ħaddiema kienu mħeġġa jivvutaw għal Paul Agius u Andrew Galea, li fil-passat dejjem taw prova tal-ħidma b'risk il-ħaddiema kollha ta' l-Università fl-aħjar interess tal-ħaddiema";

3. L-ewwel Onorabbli Qorti sabet li din il-kitba kienet malafamanti fil-konfront ta' l-appellat li kien identifikabbli u kkundannat lill-appellanti għas-somma komplessiva ta' LM500 in linea ta' danni li kellhom jiġu ssopportati kwantu għal LM350 mill-Editur Camilleri u kwantu għal LM150 mill-istampatur Spiteri;

4. L-appellanti ressqu tlett ilmenti basiċi għas-sentenza:

(a) Li l-appellat qatt ma ssemma fil-kitba impunjata u b'hekk ma huwiex identifikabli;

(b) Li l-istess kitba ma kinetx malafamanti; u;

(ċ) Li l-*quantum* tad-danni llikwidati, fiċ-ċirkostanzi, kien esaġerat;

5.1 – Illi huwa veru li l-appellat ma jissemiex b'ismu fil-kitba impunjata. Pero', dan il-fatt, waħdu, ma jimpedix lill-appellat li jkollu suċċess f'kawża bħal din. L-appellat għandu d-dover li jipprova sodisfaċentament li l-kitba stampata kienet malafamanti fil-konfront tiegħu u li l-qarrej seta' faċilment jidentifikah bħala il-bersall ta' l-istess malafama;

5.2 – Illi huwa wkoll li l-qarrej ordinarju, ċjoe' l-qarrej li m'għandu x'jaqsam xejn ma' l-ambjent universitarju, u ma ngħatax ħjiel biżżejjed fl-artikolu sabiex ikun jista' jidentifika lill-appellat. Madankollu, din il-Qorti jidhrilha li dik il-kitba ma kinetx prinċipalment diretta lejn il-qarrej ordinarju, li ftit jew xejn, jimportah li kienet sejra issir l-elezzjoni ta' żewġ rappreżentanti tal-ħaddiema mhux akkademiċi biex joqogħdu fil-Kunsill ta' l-Università. Dik il-kitba, inveċe, kienet indirizzata prinċipalment għall-qarrejja li kienu ħaddiema mhux akkademiċi tal-Università u kienet intiża sabiex tifluwenzahom fl-eżerċizzju tad-dritt tal-vot tagħhom. Din il-Qorti m'għandha l-ebda dubbji li dawn il-ħaddiema partikolari kienu konsapevoli li tliet persuni biss kienu sejrin jikkontestaw dik l-elezzjoni;

L-ismijiet ta' dawn it-tliet kandidati ġew esposti fin-Notice Board ta' l-Università, u huwa ovvju li dawn il-persuni kienu magħrufa sew mal-ħaddiema ta' l-Università. Infatti, kif soltu

ta' spiss jiġri, il-ħaddiema kellhom ukoll l-allejanzi sindikalisti tagħhom, u, f'ambjent pjuttost zgħir bħal ma huwa dak universitarju, aħbar bħal din ma ddumx wisq ma tasal f'kull rokna tal-post tax-xogħol;

5.3 – Il-kitba impunjata semmiet b'isimhom tnejn biss mit-tliet kandidati, cjoè lill Paul Agius u lill Andrew Galea. Il-ħaddiema mhux akkademiċi ġew imħeġġa li jivvotaw għal dawn iż-żewġ kandidati billi:

"Fil- passat dejjem taw prova tal-ħidma b'risq il-ħaddiema kollha ta' l-Università fl-aħjar interess tal-ħadiema";

Il-kitba impunjata teloġja żewġ kandidati partikolari li ssemmew b'isimhom, u hija dispreġġjattiva fil-konfront ta' kandidat ieħor li ismu ma ssemmiex. Ġia la darba f'dik l-elezzjoni kienu qegħdin jikkonkorru biss tliet kandidati, allura l-qarrejja li kienu midħla tas-sitwazzjoni fl-Università, setgħu bl-akbar faċilità jindunaw (billi mit-tliet kandidati fl'elezzjoni jeliminaw dawk it-tnejn li ssemmew b'isimhom), li bersall ta' dak il-kliem dispreġġjattiv ikkontenut f'dik il-kitba, ma kien ħadd ieħor ħlief l-attur appellat;

Infatti, l-appellat ressaq diversi xhieda li stqarrew li meta xxandar il-kitba in kwistjoni marru fuqu biex jinformawh b'dak li ġie mxandar u li huma mill-ewwel fehmu li l-kliem evidentement dispreġġjattiv fil-kitba, kien qiegħed jirreferi għalih;

5.4 – Konsegwentament, din il-Qorti tikkondividi dak li ntqal mill-Ewwel Onorabili Qorti li għalkemm l-attur appellat mhux imsemmi bismu direttament, xorta waħda kien faċilment

indentifikabbli mill-persuni midħla ta' l-ambjent unversitarju li għalihom kienet indirizzata prinċipalment il-kitba in kwistjoni;

6.1 – L-appellanti sostnew li d-dritt ta' l-espressjoni liberu huwa sanċit kemm fil-Kostituzzjoni ta' Malta u kemm fil-konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem. Huma ssottomettew li għandha tingħata interpretazzjoni liberali għal dan id-dritt, *sabiex ma jkunx sempliċiment kitba mejta iżda* minflok ikun dritt li verament jeżisti fil-fatt u jkun attwat fil-prattika;

6.2 – Illi l-Qorti ċertament tissottoskrivi l-ħsieb li l-libertà ta' l-istampa għandha dejjem tiġi ssalvagwardata, billi hija wieħed mill-*ingredjenti fundamentali* ta' kull soċjetà demokratika;

6.3 – Il-Qorti tissottoskrivi wkoll il-ħsieb li r-ristrizzjoniet li tagħmel il-Liġi ta' l-Istampa (Kap. 248) għandhom jiġu interpretati fid-dawl ta' l-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll fl-isfond ta' l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, kif dan jiġi interpretat fil-ġurispundenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Umani. Dana l-iżvilupp fis-sistema legali tagħna huwa żvilupp sinifikanti ħafna għal pajjiżna billi ma jistax ma jkollux l-effett li jwessa' tad-dritt ta' espressjoni. Madanakollu, b'dana l-iżvilupp essenzjali, l-istampa ma ngħatax ebda passaport ta' immunità, billi tibqa' dejjem il-ħtieġa li jinżamm sens ta' proporzjon bejn il-libertà ta' l-espressjoni u ċ-ċensura tal-malafama. *Dejjem jinħtieġ li jinżamm bilanċ bejn* il-bżonn li f'soċjetà demokratika jitħalla spazju suffiċjenti għal-libertà li wieħed jikkritika u li jsemma l-opinjoni u l-ġudizzju tiegħu, mal bżonn l-ieħor, xejn anqas *meħtieġ*, tad-difiża tar-reputazzjoni, l-unur u l-isem tajjeb, li kull persuna f'soċjetà demokratika għandha kull dritt li tgawdi;

6.4 -L-appellanti għamlu riferenza għall-każ Lingens deċiż mill-Qorti Ewropeja fit-8 ta' Lulju, 1986. Huma qalu li Lingens ippublika artikolu li fih kien iddeskriva lill-kanċillier Awstriak Bruno Kreisky bħala "immoral", "undignified" u "basest oportunist". L-appellanti sostnew li s-sentenza kkonkludiet li dawn il-kliem ma kinux jikkostitwixxu libell għax huma l-opinjoni (value judgement) tal-kittieb;

6.5 -Illi huwa li l-Qorti Ewropeja kienet ikkonkludiet, f'dan il-każ, li l-kundanna mill-Qorti Awstrijaċi ta' Lingens għall-malafama kienet ikkontraveniet l-artikolu 10 tal-konvenzjoni msemmija. Dik il-Qorti, iddistingwiet bejn kritika fil-konfront ta' bniedem politiku u kritika fir-rigward ta' persuna privata. Infatti, dik il-Qorti esprimiet ruħha hekk:

*"Freedom of the press furthermore affords the public, one of the best means of discovering and forming an opinion of the ideas and attitudes of political leaders. More, generally, freedom of Political debate is at the very core of the concept of a democratic society which permeates the Convention;*

*The limits of acceptable criticism are accordingly wider as regards a politician such as regards a private individual. Unlike the latter, the former inevitably and knowingly lays himself open to close scrutiny of his every word and deed by both journalists and the public at large, and he must consequently display a greater degree of tolerance. No doubt article 10 (2) enables the reputation of others - that is to say, of all individuals - to be protected, and this protection extends to politicians too, even when they are not acting in their private capacity,* but in such *cases, the requirements of such protection have to be weighed in relation to the interests of open discussions of political issues*

*(Lingens case: Series A Vol. 103 pag. 26)";*

6.6 -Id-distinzjoni li saret f'din is-sentenza tinstab riflessa wkoll f'diversi sentenzi tat-tribunali tagħna. Hekk per eżempju, fis-sentenza ta' din il-Qorti mogħtija fil-5 ta' Ottubru, 1928, fil-kawża "**Onorevoli Dr. Enrico Mizzi - vs - Gino Muscat Azzopardi et nomine**" (Kollez. Vol.XXVII - 1 - p.215) jingħad:

*"Devesi, invero, riconoscere come regola alla stampa il diritto di criticare, nel pubblico interesse, le misure governative e di esprimere la sua opinione circa la abilità o meno del funzionario nell'ezercizio delle sue mansioni in generale (App. 13 Marzo 1899 Musù vs Miniosi, XVLL.28) e nelle emanasione di provedimenti in particolare";*

L-istess sentenza tagħmel riferenza għal żewġ siltiet minn deċiżjonijiet Ingliżi, cjoè "**Parmiter vs Compland**" u "**Seymour vs Butterworth**" *fejn intqal rispettivament hekk:*

*"Every subject has a right to comment on those acts of the public men which concern him as a subject of the realm, if he does not make his commentary a cloak for malice and slander"*, u

*Those who fill a public position must not be too thin in reference to comments made upon them. It would often happen that observations would be made upon public men which they know from the bottom of their heart were undeserved and unjust, yet they must bear with them and submit to be misunderstood for a time, because all knew that the criticism of the press was the best security for the proper discharge of public duties";*

6.7 -L-istess distinzjoni, u cjoè li persuna politika għandha tkun **aktar** soġġetta għas-sindikat u l-kritika tal-pubbliku u ta' l-istampa, tinsab delinejata fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-8 ta' Mejju, *1936*, fil-kawża **"Onorevoli Mabel Strickland - vs - P.L. Albert W. Mizzi"** (Koll. Vol. XXIX - 1 - 639). Hawnhekk intqal ukoll li jekk wieħed jirritjeni l-kuntrarju jġib:

"....it-tmiem ta' dik id-diskussjoni fuq fatti u kwistjonijiet politiċi li huma l-bażi ta' kull sistema kostituzzjonali" (ibid f'paġna 644);

6.8 Fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti (kif presjeduta iżda komposta diversament) fl-4 ta' Frar, 1994, in re **"Anglu Fenech proprio et nomine - vs - Carmelo Callus et** intqal hekk:

19 "Id-distinzjoni bejn id-dinja politika u l-bqija, għal dak li jinteressa d-drittijiet ta' espressjoni permezz ta' l-istampa, mhix ġdida għas-sentenzi tagħna. Biżżejjed jissemmew serie ta' sentenzi ppronunzjati f'dawn l-aħħar snin mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, bħal, per eżempju, dik tat-2 ta' Novembru, 1989, F. Coleiro vs M. Schiavone et; tat-8 ta' Jannar, 1990, Dr. K. Wain vs M. Schiavone et; tal-11 ta' Jannar, 1990, Onorevoli M. Borda vs Onorevoli S. Sant. Ma' din id-dinja politika, ġiet ukoll assimilata d-dinja sindikalista, speċjalment f'dawk il-każijiet fejn it-"Trade Union" tidħol "tout court" fil-lotta politika - 12 ta' Jannar, 1990, K. Abela vs F. Agius et - tliet sentenzi fl-istess ismijiet - ċitazzjoni numri 708, 709 u 710 pronunzjati fl-istess data;

6.9 Illi fil-każ odjern, l-attur appellat appuntu jappartjeni għad-dinja sindikalista billi huwa s-Shop Steward li jirrappreżenta l-ħaddiema ta' l-Università ut-Taqsima Supervisory and Technical and Professional Staff Association tal-General

Workers' Union;

6.10 Illi jrid jiġi pprećiżat għall-korrettezza illi għall-elezzjoni in kwistjoni, l-appellat ma kienx il-kandidat uffiċjali tal-General Workers' Union. Dan ġie kkonfermat mix-xhud Charles Cassar (ara fol. 39) u jirriżulta wkoll mill-ittra ta' l-appellat stess li l-ġurnal ''In-Nazzjon Tagħna'' ippubblika fil-ħarġa *tal-22 ta' Novembru, 1990 (ara fol.30 tergo). Din l-ittra* ntbagħtet mill-appellant sabiex jirrettifika dak li ġie mħabbar fil-ħarġa tal-15 ta' Novembru, 1990 u ċjoè li l-appellat kien ġie ppreżentat għall-elezzjoni mill-General Workers' Union (ara fol.29);

6.11 Illi *nonostante* li l-appellat jidher li kkontesta l-elezzjoni fuq bażi personali, jibqa' l-fatt li ma rriżultax li huwa qatt irrinunzja għall-kariga tiegħu ta' Shop Steward, u b'hekk huwa baqa' marbut mad-dinja sindakali. Inoltre, irid jiġi sottolinejat li l-appellat ippreżenta ruħu bħala kandidat għall-elezzjoni biex jokkupa kariga fuq l-għola organu amministrattiv ta' l-Università cjoè, il-Kunsill. Ċertament, il-Qorti ma tistax ma tirrikonoxxix lill-istampa, f'socjetà demokratika, id-dritt li tesprimi b'ċerta libertà l-opinjoni u ġudizzju tagħha fuq l-abilità jew in-nuqqas ta' abilità fil-qadi tal-funzjonijiet li jkun sejjer jidħol għalihom kandidat prospettiv, li liberament jesponi ruħu għall-elezzjoni għall-kariga pubblika importanti bħal ma hija r-rappreżentanza ta' ħaddiema fuq il-Kunsill ta' l-Università. Isegwi għalhekk, li fil-każ odjern, id-dritt tal-libertà ta' espressjoni għandu jiġi ttollerat fi grad għola min-normal. Isegwi wkoll li biex il-kitba impunjata f'dan il-każ titqies malafamanti u denja li tiġi ċċensurata u punita jinħtieġ li jintwera li l-malafama hija tant gravi li ma tistax tiġi ttollerata f'soċjetà demokratika;

6.12 -L-appellanti ssottomettew li l-paragrafu ta' qabel ta' l-aħħar ta' l-artikolu in kwistjoni fih biss x'inhuma l-kwalifiki li għandu jkollu r-rappreżentant tal-ħaddiema, kif ukoll x'ma għandux ikollu. L-aħħar paragrafu, imbagħad, jingħad li l-U.H.M. ħeġġet lill-ħaddiema sabiex jivvotaw għal Agius u Galea "li fil-passat dejjem taw prova tal-ħidma b'risq il-ħaddiema kollha ta' Università fl-aħħar interess tal-ħaddiema". L-appellanti sostnew li din il-kitba hija unikament espressjoni ta' opinjoni li m'hijex sindakabbli mill-Qorti. Imkien ma ġew attribwiti fatti determinanti fil-konfront ta' l-attur u għalhekk dik il-kitba ma hijiex libelluża;

6.13 -Il-paragrafu ta' qabel l-aħħar fl-artikolu impunjat, jibda biex jgħid li:-

"Il-U.H.M. wissiet li hu importanti li ż-żewġ rappreżentanti eletti tal-ħaddiema jkunu ħaddiema ġenwini...."

Il-kittieb, f'daqqa waħda, **mill-plural, jaqleb għas-singular** u jkompli f'dawn il-kliem:-

"....u mhux xi ħadd li jpaċpaq ħafna u jagħmel ħafna wegħdiet li jaf li żgur ma jkunux jiġi attwati u b'hekk jidħak bil-ħaddiem u jsir aktar deni milli ġid";

6.14 Fil-fehma tal-Qorti din il-kitba tikkontjeni ġudizzju temerarju u żbaljat fuq l-għemil ta' l-appellat, billi fil-proċess ma hemm l-ebda prova ta' l-attributi xejn kumplimentużi li saru fil-konfront tiegħu. Madanakollu, fil-kuntest partikolari tal-każ kif ukoll b'applikazzjoni tal-prinċipji legali spejgati aktar 'l fuq, din il-kitba ma hijiex daqshekk ingurjuża li għandha tattira s-sanzjoni estrema tar-risarċiment tad-danni morali, billi dak li

ngħad fiha ma jeċċedix il-limiti tat-tolleranza traċċjati fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem;

7. Għal dawn il-motivi:

Fis-sens premess tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata;

U billi huwa ġust li jkun hemm temperament fil-kap tal-ispejjeż, tordna li l-ispejjeż ta' l-ewwel istanza jitħallsu mill-konvenuti b'mod li dawk dovuti lill-attur jitħallsu kwantu għal żewġ terzi (2/3) mill-attur u kwantu għal terz (1/3) mill-istampatur;

L-ispejjeż ta' l-appell għandhom jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-kontendenti;